UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW | IL-KUNSILL

Brussell, 24 ta' Frar 2026
(OR. en)

2025/0071(COD)
LEX 2497

PE-CONS 65/1/25
REV 1

AGRI 727
AGRIORG 163
AGRIFIN 174
AGRILEG 207
CODEC 2157

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JEMENDA R-REGOLAMENTI (UE) NRU 1308/2013, (UE) NRU 251/2014 U (UE) NRU 2021/2115 FIR-RIGWARD TA’ ĊERTI REGOLI TAS-SUQ U MIŻURI TA’ APPOĠĠ SETTORJALI FIS-SETTUR TAL-INBID U GĦAL PRODOTTI TAL-INBID AROMATIZZAT, U R-REGOLAMENT (UE) 2024/1143 FIR-RIGWARD TA’ ĊERTI REGOLI DWAR IT-TIKKETTAR GĦAX-XORB SPIRITUŻ

**REGOLAMENT (UE) 2026/...**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-24 ta' Frar 2026**

**li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014 u (UE) Nru 2021/2115 fir-rigward ta’ ċerti regoli tas-suq u miżuri ta’ appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat, u r-Regolament (UE) 2024/1143 fir-rigward ta’ ċerti regoli dwar it-tikkettar għax-xorb spiritwż**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 42, l-ewwel paragrafu, l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 118, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

1 ĠU C, C/2025/5161, 28.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5161/oj.

2 ĠU C, C/2025/4418, 29.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4418/oj.

3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Frar 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2026.

Billi:

(1) Filwaqt li l-Unjoni tibqa' fuq quddiem nett fil-livell globali fil-produzzjoni, fil-konsum u fil-valur esportat tal-inbid, il-bidliet soċjetali u demografiċi qed ikollhom impatt fuq l-ammont, il-kwalità, u t-tipi ta' nbid ikkunsmat. Il-konsum tal-inbid fl-Unjoni jinsab fl-aktar livell baxx tiegħu fi tliet deċennji filwaqt li s-swieq tradizzjonali tal-esportazzjoni għall-inbejjed tal-Unjoni huma affettwati ħażin minn taħlita ta' xejriet ta' konsum li qed jonqos u fatturi ġeopolitiċi, li jwasslu għal xejriet ta' esportazzjoni aktar inċerti. Barra minn hekk, minħabba l-vulnerabbiltà tas-settur tal-inbid għat-tibdil fil-klima, il-produzzjoni tal-inbid qed issir imprevedibbli. Il-provvista żejda li tirriżulta, twassal għal tnaqqis fil-prezzijiet, li jfisser li l-vitikulturi għandhom inqas introjtu biex jinvestu fin-negozji tagħhom u riżervi finanzjarji aktar baxxi li għalihom jistgħu jduru jekk wieħed mill-avvenimenti tat-temp severi l-aktar frekwenti u spiss lokalizzati jolqot ir-reġjun tagħhom.

(2) Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid ("HLG", High-Level Group) ġie stabbilit sabiex jiġu diskussi dawk l-isfidi u jiġu identifikati opportunitajiet possibbli għas-settur tal-inbid tal-Unjoni. Dan irrifletta fuq kif jista' jiġi appoġġjat aħjar settur li bħalissa qiegħed jiffaċċja l-isfidi strutturali, per eżempju billi jiġi ġestit il-potenzjal tal-produzzjoni, tissaħħaħ il-kompetittività u jiġu esplorati opportunitajiet ġodda tas-suq. Wara erba' laqgħat, l-HLG approva 'rakkomandazzjonijiet ta' politika għall-futur tas-setture tal-inbid tal-UE'.

(3) Sabiex jingħata l-aħjar appoġġ possibbli lill-produtturi tal-inbid li qed jiffaċċjaw tali sfidi, huwa xieraq li r-rakkomandazzjonijiet l-aktar urġenti tal-HLG jiġu riflessi fil-qafas legali applikabbli għall-inbejjed u l-prodotti tal-inbid aromatizzat.

(4) Fis-settur tal-inbid, ir-relazzjoni bejn il-provvista tal-produzzjoni, id-domanda tal-konsumaturi u l-esportazzjonijiet fis-suq dinji bħalissa huwa instabbli, jirriżulta f'disturbi serji fis-suq. Barra minn hekk, hemm tendenza lejn tnaqqis kontinwu fil-konsum tal-inbid fl-Unjoni minħabba bidliet fid-drawwiet u fl-istil tal-ħajja tal-konsumaturi. L-iskema eżistenti tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli hija meqjusa essenzjali biex jinżamm il-bilanċ bejn il-kapaċità tal-provvista tas-settur, standard tal-għajxien ġust għall-produtturi u prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi, filwaqt li tiżgura d-diversità tal-inbejjed u tindirizza l-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-inbid tal-Unjoni. Is-settur tal-inbid tal-Unjoni għandu karatteristiċi speċifiċi, inkluż iċ-ċiklu tal-ħajja twil tal-vinji tiegħu, li jirriżultaw mill-fatt li l-produzzjoni hija possibbli biss diversi snin wara t-tħawwil iżda mbagħad tkompli għal diversi deċennji, u li għandu l-potenzjal għal varjazzjonijiet minn ħsad għall-ieħor. Is-settur tal-inbid tal-Unjoni huwa kkaratterizzat ukoll minn perċentwal għoli ħafna ta' azjendi agrikoli żgħar immexxija mill-familji, li jirriżulta f'firxa varjata ta' nbejjed. Dawn il-produtturi jeħtieġu prevedibbiltà fit-tul biex jiġġustifikaw l-investiment sinifikanti meħtieġ għat-tħawwil ta' vinja u biex tiġi garantita l-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti tagħhom maż-żmien, u fil-proċess ittejjeb il-kompetittività tas-settur tal-inbid tal-Unjoni fis-suq globaliSabiex jiġu kkonsolidati l-kisbiet tas-settur tal-inbid tal-Unjoni sal-lum u biex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-kwantità u kwalità fis-settur, permezz tat-tkabbir ordnat kontinwu tat-tħawwil tad-dwieli, jenħtieġ li l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli tiġi estiża, suġġett għal rieżamijiet kull 10 sninbiex tiġi evalwata l-iskema. Jekk ikun xieraq, jenħtieġ li proposti jiġu ppreżentati abbażi tar-riżultati ta' dawk ir-rieżamijiet bil-ħsieb lititteijeb il-kompetittività tas-settur tal-inbid.

(5) Fid-dawl tat-tnaqqis attwali fid-domanda għall-inbid, il-vitikulturi li għandhom awtorizzazzjonijiet validi mhux użati għal tħawwil ġdid u awtorizzazzjonijiet li jirriżultaw mill-konverżjoni tad-drittijiet ta' tħawwil mogħtija lilhom qabel l-1 ta' Jannar 2025 jenħtieġ li ma jiġux penalizzati talli ma użawx dawn l-awtorizzazzjonijiet. Dak għandu jkollu l-effett li jneħħi l-inċentiv għad-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tħawwil biex iħawlu l-vinji fejn jista' ma jkun hemm l-ebda domanda għall-inbid prodott. jJenħtieġ li jkomplu japplikaw penali amministrattivi fir-rigward tan-nuqqas ta' użu tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mogħtija wara l-1 ta' Jannar 2025 sabiex jiġu skoraġġuti applikazzjonijiet spekulattivi għal tali awtorizzazzjonijiet minn vitikulturi li m'għandhom l-ebda intenzjoni li jħawlu vinja.

(6) Minħabba li d-diżastri naturali, l-avvenimenti meteoroloġiċi severi u t-tifqigħat ta' mard tal-pjanti qed isiru aktar frekwenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jestendu sa tnax-il xahar il-validità tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mogħtija għar-reġjun affetwat u li jkunu waslu biex jiskadu sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata. Id-detenturi ta' tali awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jirrinunzjaw l-awtorizzazzjonijiet tagħhom mingħajr ma jġarrbu penali amministrattivi fejn jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li ma jixtiqux jagħmlu użu mill-awtorizzazzjonijiet tagħhom sal-iskadenza estiża. Filwaqt li l-penali amministrattivi għandhom l-għan li jipprevjenu applikazzjonijiet spekulattivi għall-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil, ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jwasslu għal diffikultajiet prattiċi mhux previsti għall-vitikulturi, li jżommuhom milli jħawlu vinji ġodda. Sabiex tiġi evitata tbatija addizzjonali f'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jirrinunzjaw il-penali amministrattivi għan-nuqqas ta' użu ta' awtorizzazzjoni għat-tħawwil fuq talba ġustifikata mill-vitikultur ikkonċernat.

(7) Fir-rigward tal-ġestjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' validità itwal tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid sabiex il-produtturi jingħataw aktar żmien biex jesploraw il-possibbiltà ta' tħawwil ta' varjetajiet li huma adattati aħjar għad-domanda tas-suq jew għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu jew tal-użu ta' tekniki ġodda ta' ġestjoni tal-vinji. Barra minn hekk, sabiex tittaffa l-pressjoni fuq il-vitikulturi, jenħtieġ li dawn ma jiffaċċjawx penali amministrattivi jekk jiddeċiedu li ma jużawx awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid.

(8) L-aħħar jum tal-validità tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 64, 66 u 68 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju jiddependi mid-data tal-ħruġ tagħhom. Bħala simplifikazzjoni amministrattiva, dawk l-awtorizzazzjonijiet kollha jenħtieġ li jibqgħu validi sal-aħħar jum tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni rilevanti.

(9) Il-vinji abbandunati jista' jkollhom pesti u mard u għalhekk jistgħu joħolqu riskju għaż-żona tal-vinji tal-madwar. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jirrikjedu l-qlugħ tad-dwieli ta' tali vinji abbandunati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jistabbilixxu kundizzjonijiet għat- tali qlugħ tad-dwieli.

---

[4] Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

(10) Fejn, f'każijiet ġustifikati ta' kriżi, jiġu implimentati jew ikunu ġew implimentati miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni mmirati lejn it-tnaqqis tal-provvista (fir rigward tad-distillazzjoni, il-ħsad bikri jew il-qlugħ tad-dwieli), jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ġodda fil-livell reġjonali fir-rigward ta' żoni speċifiċi bi provvista eċċessiva, sabiex jiġi evitat li jiżdied il-potenzjal tal-produzzjoni.

(11) Sabiex jitqiesu aħjar ix-xejriet reċenti fis-settur tal-inbid, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jistabbilixxu limiti reġjonali fuq il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ġodda għat-tħawwil għal żoni speċifiċi li huma baxxi sa 0 %, bil-ħsieb li jiġi ġestit il-potenzjal tal-produzzjoni. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi tali limiti reġjonali għal żoni speċifiċi sabiex tiġi evitata żieda eċċessiva tal-potenzjal tal-produzzjoni, huwa xieraq li jkun permess li l-Istat Membru jirrikjedi li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għaż-żona kkonċernata mil-limitu reġjonali jintużaw f'dik iż-żona.

(12) Il-prodotti b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta għandhom karatteristiċi uniċi, marbuta mal-oriġini ġeografika tagħhom kif ukoll mal-għarfien tradizzjonali. Sabiex tiġi protetta r-reputazzjoni ta' tali prodotti u jiġi evitat ir-riskju ta' żvalutazzjoni sinifikanti jew użu mhux xieraq minn partijiet terzi, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu limitazzjonijiet fl-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ġodda, jadottaw miżuri biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja għal tħawwil ġdid, u jistabbilixxu l-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' prijorità għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fiż-żoni kkonċernati.

(13) Sabiex jiġi evitat li jkun aggravat ir-riskju ta' provvista żejda f'reġjuni fejn Stat Membru jkun għażel li jillimita l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ġodda għat-tħawwil, jenħtieġ li l-Istat Membru jkun jista' jistabbilixxi kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ġodda għat-tħawwil biex jiġu evitati rendimenti eċċessivi fil-vinji l-ġodda li tħawlu fir-reġjuni kkonċernati.

(14) Jenħtieġ li jiġi ċċarat li meta jagħtu awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw kriterji ta' eliġibbiltà u ta' prijorità oġġettivi u nondiskriminatorji li jirriżultaw fl-għoti ta' preferenza lill-vinji li jikkontribwixxu għat-titjib tal-prodotti b'indikazzjonijiet ġeografiċi jew tal-kwalità tagħhom.

(15) Meta Stati Membri jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-possibbiltà li jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet fil-livell reġjonali, filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet ippreżentati minn organizzazzjonijiet professjonali rikonoxxuti li joperaw fis-settur tal-inbid, huwa xieraq li jiġi ċċarat aktar liema tipi ta' organizzazzjonijiet jistgħu joħorġu tali rakkomandazzjonijiet.

(16) L-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid jingħataw lill-produtturi li jkunu qalgħu id-dwieli f'żona mħawla bid-dwieli u li jkunu ppreżentaw applikazzjoni. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li vitikultur li jirċievi appoġġ għall-qlugħ tad-dwieli f'konformità mal-Artikolu 216(1) ta' Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew l-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (o), tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] mhuwiex intitolat għal awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid għaż-żona inkwistjoni.

(17) L-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid iridu jintużaw fl-istess azjenda li fiha jkun sar il-qlugħ tad-dwieli, iżda huwa possibbli li jintużaw fuq roqgħa art differenti fl-istess azjenda. Minħabba li l-azjendi jistgħu jikkonsistu minn irqajja' ta' art f'reġjuni ta' produzzjoni differenti, huwa importanti li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jiżguraw li, f'żoni eliġibbli għall-produzzjoni tal-inbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, ma tista' tintuża l-ebda awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid li tirriżulta mill-qlugħ tal-vinji barra minn dik iż-żona. Huwa xieraq li l-Istati Membri jieħdu tali deċiżjoni abbażi ta' rakkomandazzjoni minn organizzazzjoni professjonali li tkun rappreżentattiva fiż-żona kkonċernata.

---

5 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill at-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

(18) Filwaqt li t-tħawwil mill-ġdid ta' vinja bid-dwieli maqlugħin ma jkabbarx iż-żona tal-vinji, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jistabbilixxu regoli għat-tħawwil mill-ġdid sabiex id-distribuzzjoni territorjali tal-vinji tiġi ġestita aħjar, pereżempju biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-vinji lejn reġjuni bi żbilanċ fis-suq jew 'il bogħod minn art wieqfa u art imtarrġa, fejn dawn għandhom rwol importanti fil-preservazzjoni tal-pajsaġġ u jevitaw l-erożjoni tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ukoll il-possibbiltà li jistabbilixxu kundizzjonijiet fir-rigward tad-dwieli li jipproduċu tipi speċifiċi ta' nbid u l-metodi ta' produzzjoni identifikati mill-Istat Membru bħala li jżidu b'mod sinifikanti r-rendiment medju tal-produzzjoni tar-reġjun jew kundizzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali.

(19) Sabiex jiġi żgurat approċċ proporzjonat għall-applikazzjoni tal-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli filwaqt li jitqiesu r-riskji serji li tirrappreżenta l-provvista eċċessiva għas-suq, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu massimu ta' ettari ta' vinji mħawla li taħtu l-Istati Membri huma eżentati mill-obbligu li japplikaw l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil.

(20) Dawn l-aħħar snin rawdomanda dejjem tikber min-naħa tal-konsumaturi għal prodotti tad-dwieli b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol prodotti permezz tad-dealkoħolizzazzjoni bl-użu ta' ċerti tekniki permessi fl-Unjoni. Il-produzzjoni ta' nbejjed parzjalment dealkoħolizzati permezz tat-taħlit, jew il-"coupage", ta' nbid dealkoħolizzat jew inbid parzjalment dealkoħolizzat ma' nbid jew inbid parzjalment dealkoħolizzat jenħtieġ li tkun permessa, peress li tista' ttejjeb il-karatteristiċi sensorjali tal-prodott finali u toffri mezz biex l-inbejjed parzjalment dealkoħolizzati jiġu prodotti b'mod aktar sostenibbli.

(21) Id-domanda għolja tal-konsumaturi għal prodotti ta' nbid frizzanti b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol jew mingħajr alkoħol tirrappreżenta opportunità għas-settur. Madankollu, ir-regoli għall-produzzjoni ta' nbejjed dealkoħolizzati jimponu ċerti limitazzjonijiet teknoloġiċi fuq il-produzzjoni ta' prodotti tal-inbejjed frizzanti. Skont ir-regoli fis-seħħ bħalissa, il-prodotti tal-inbid iridu jkunu kisbu l-karatteristiċi u l-qawwa alkoħolika minima proprjatal-kategorija tal-prodott korrispondenti qabel ma jgħaddu mill-proċess ta' dealkoħolizzazzjoni. Dan jimplika li l-prodotti tal-inbid frizzanti dealkoħolizzati u parzjalment dealkoħolizzati jistgħu jiġu prodotti biss minn inbejjed frizzanti tal-istess kategorija. Madankollu, il-proċess ta' dealkoħolizzazzjoni jneħħi kompletament id-diossidu tal-karbonju mill-inbid frizzanti inizjali. Konsegwentement, sabiex jiġi prodott inbid frizzanti b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol jew mingħajr alkoħol, huwa meħtieġ li d-diossidu tal-karbonju jiġi introdott mill-ġdid fl-inbid parzjalment jew totalment dealkoħolizzat bl-użu ta' proċess ġdid u separat. Għalhekk, jenħtieġ li l-produtturi jkunu permessi jipproduċu nbid frizzanti dealkoħolizzat jew parzjalment dealkoħolizzat, inbid semifrizzanti, inbid frizzanti bil-gass u nbid semifrizzanti bil-gass direttament minn inbid bla gass dealkoħolizzat jew parzjalment dealkoħolizzat permezz tat-tieni fermentazzjoni jew biż-żieda tad-diossidu tal-karbonju, kif xieraq.Dan jippermetti lis-settur tal-inbid tal-Unjoni jibbenefika minn żviluppi ġodda fid-domanda tal-konsumatur filwaqt li jżomm l-istandards ta' produzzjoni ta' kwalità għolja tiegħu.

(22) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-regoli dwar it-tikkettar tal-prodotti tal-inbid jiġu emendati sabiex il-konsumatur jiġi infurmat aħjar dwar il-karatteristiċi tal-prodotti tad-dwieli b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol, filwaqt li jinżamm l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-użu ta'dealkoħolizzazzjoni. Il-konsumaturi huma familjari ma' termini bħal "0,0 %" u "mingħajr alkoħol". Madankollu, tali termini huma rregolati b'mod differenti fi Stati Membri differenti. It-termini li jirreferu għal kontenut imnaqqas ta' alkoħol jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni dwar it-tikkettar tal-kontenut imnaqqas ta' ċerti sustanzi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi armonizzat l-użu ta' dawn it-termini madwar l-Unjoni, b'hekk is-settur tal-inbid ikun jista' jibbenefika minn domandi ġodda tal-konsumaturi filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern.

(23) Il-konformità mar-rekwiżit tal-Unjoni li tiġi inkluża l-lista tal-ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuq it-tikketti tal-inbid esportat tista' tkun ta' piż għall-esportaturi, speċjalment fejn ir-rekwiżiti tat-tikkettar tal-pajjiżi terzi importaturi jkunu differenti minn dawk tal-Unjoni. Sabiex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet f'tali każijiet, huwa xieraq li l-inbid li se jiġi esportat jiġi eżentat mir-rekwiżiti tat-tikkettar tal-Unjoni.

(24) Ilprovvista tal-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tal-prodotti tal-inbid b'mezzi elettroniċi hija mod effettiv għall-operaturi biex jippreżentaw informazzjoni importanti lill-konsumaturi, filwaqt li tiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern u l-esportazzjonijiet tal-inbid. Dan huwa partikolarment il-każgħal produtturi żgħar. Madankollu, in-nuqqas ta' regoli armonizzati dwar l-identifikazzjoni, fuq l-imballaġġ jew fuq tikketta mwaħħla miegħu, tal-mezzi elettroniċi li jipprovdu l-lista ta' ingredjenti u/jew id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, irriżulta fil-ħolqien ta' prattiki diverġenti mill-operaturi u ta' regoli differenti mill-awtoritajiet nazzjonali, li jaffettwaw b'mod negattiv il-kummerċjalizzazzjoni xierqa tal-inbejjed. Sabiex jiġu minimizzati l-kostijiet u l-piż amministrattivi għall-operaturi, u biex jiġi żgurat approċċ komuni fis-suq kollu tal-Unjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tali informazzjoni ssir aċċessibbli għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li taddotta atti delegati, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 billi jistabbilixxi regoli dwar l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi li jipprovdu lill-konsumaturi l-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni b'mod armonizzat, inkluż permezz ta' sistema mhux ibbażżata fuq il-lingwa.

(25) Sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-operaturi, u l-inċertezza li jiffaċċjaw, huwa xieraq li jiġi ċċarat li dettalji obbligatorji jenħtieġ li jintwerew darba biss fuq kwalunkwe imballaġġ.

(26) Sabiex jiġi żgurat li l-forma u t-tqassim tal-mezzi elettroniċi jkunu jistgħu jissodisfawħtiġijiet ġodda li jirriżultaw mill-progress rapidu u kostanti tad-diġitalizzazzjoni u biex dawk il-mezzi elektroniċi jkunu jistgħu jinkludu informazzjoni rilevanti oħra għall-konsumaturi meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali u li tkun tista' tiġi ppreżentata b'mod elettroniku, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 billi tistabbilixxi r-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-informazzjoni fuq it-tikketti elettroniċi.

(27) L-esperjenza wriet li meta terminu li jirreferi għal azjenda fis-settur tal-inbid ikun ġie riżervat fil-livell tal-Unjoni, u jkun soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, l-użu tiegħu trademarks jew ismijiet kummerċjali jistgħu jkunu qarrieqa għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 billi tistabbilixxi regoli dwar ir-relazzjoni bejn it-termini li jirreferu għal azjenda u trademarks u ismijiet kummerċjali.

(28) L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jadottaw regoli ta' kummerċjalizzazzjoni sabiex jirregolaw il-provvista fis-settur tal-inbid biex itejbu u jistabbilizzaw l-operat tas-suq komuni tal-inbid. Fil-kuntest attwali tat-tnaqqis strutturali fil-konsum u sitwazzjonijiet rikorrenti ta' provvista eċċessiva f'ċerti reġjuni u segmenti tas-suq, huwa xieraq li jiġi ċċarat li tali regoli jistgħu jinkludu l-iffissar ta' rendimenti massimi tal-għeneb u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-inbid. Barra minn hekk, il-gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw id-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti jista' jkollhom rwol importanti fl-adattament tal-provvista għax-xejriet tas-suq u fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-vitikulturi fil-katina tal-provvista. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw ukoll regoli tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-inbid filwaqt li jqisu l-proposti adottati minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti, minn gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew minn organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti meta jkunu rappreżentattivi fiż-żona jew fiż-żoni ta' produzzjoni kkonċernati.

(29) Il-valur kummerċjali speċjali tal-inbejjed koperti minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta jirriżulta mir-reputazzjoni tagħhom ibbażata fuq il-valur tal-kwalità li l-konsumaturi jattribwixxu lill-karatteristiċi tagħhom. Sabiex jiġi evitat li l-kredenzjali tal-kwalità tagħhom mminati minnazzjoni detrimentali tal-prezzijiet, jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet interprofessjonali u l-gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw id-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, meta jkunu rappreżentattivi fiż-żona ġeografika relatata għall-kategoriji professjonali differenti li joperaw fis-settur tal-inbid, jkunu jistgħu joħorġu gwida dwar il-prezzijiet li tikkonċerna l-bejgħ tal-għeneb, tal-most jew tal-inbejjed rilevanti. Madankollu, tali gwida jenħtieġ li ma tkunx obbligatorja, sabiex tiġi evitata restrizzjoni eċċessiva tal-kompetizzjoni fil-prezz fl-istess indikazzjoni ġeografika. Barra minn hekk, bħala salvagwardja addizzjonali, jenħtieġ li l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni rilevanti titħalla tiddeċiedi f'każijiet individwali li li timmodifika jew twaqqaf l-indikaturi ta' gwija tal-prezzijiet jekk ikun meħtieġ biex tipprevjeni li l-kompetizzjoni tiġi eskluża jewli jiġu pperikolati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(30) Bħalissa l-Istati Membri jistgħu jkunu awtorizzati jagħmlu pagamenti nazzjonali lill-produtturi tal-inbid għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-inbid. Minħabba l-kosteffettività tat-tneħħija tal-produzzjoni żejda mis-suq qabel ma jiġi prodott l-inbid, huwa xieraq, f'każijiet ġustifikati ta' kriżi, li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jagħmlu pagamenti nazzjonali għall-ħsad bikri volontarju u l-qlugħ volontarju tad-dwieli ta' vinji produttivi, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji ewlenin li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-pagament nazzjonali massimu għal kull unità ta' prodott jew għal kull ettaru. Għal dak l-istess skop, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll limiti għall-ammont globali ta' pagamenti nazzjonali awtorizzati fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikolari għad-distillazzjoni u l-ħsad bikri. Għall-qlugħ tad-dwieli, minħabba n-natura strutturali tal-miżura u l-kostijiet ogħla tagħha, mhuwiex xieraq li jiġi stabbilit ammont massimu globali ta' pagamenti nazzjonali. Madankollu, fin-notifika tagħhom lill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw il-limitu għall-pagamenti nazzjonali każ b'każ abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq tagħhom u dawk tar-reġjuni tal-inbid li fihom il-miżura tkun implimentata.

(31) Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u biex jiġu żgurati l-effikaċja u l-proporzjonalità tal-miżuri ta’ kriżi li għalihom iridu jiġu awtorizzati pagamenti nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 billi tistabbilixxi regoli dwar il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà u l-kriterji ta’ prijorità li l-Istati Membrifir-rigward tal-allokazzjoni ta' tali pagamenti nazzjonali jeħtiġilhom jistabbilixxu, biex jiġu ddeterminati s-sitwazzjonijiet tas-suq li fihom tali miżuri huma ġġustifikati, dwar il-kalkolu tal-pagamenti nazzjonali u dwar il-koerenza tagħhom ma’ miżuri oħra ta’ appoġġ għas-settur tal-inbid fi ħdan il-Politika Agrikola Komuni (PAK).

(32) Il-prodotti tal-inbid aromatizzat huma forom naturali għall-prodotti tad-dwieli. Madankollu, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] ma jippermettix l-użu tad-denominazzjonijiet tal-bejgħ riżervati għall-prodotti tal-inbid aromatizzat għal xorb li ma jilħaqx il-kontenut minimu propju ta’ alkoħol stabbilit f’dak ir-Regolament għal kull kategorija ta’ prodotti. Fid-dawl tad-domanda dejjem akbar tal-konsumaturi għal xorb alkoħoliku innovattiv b’qawwa alkoħolika proprja skont il-volum aktar baxxa, jenħtieġ li tkun possibbli l-introduzzjoni fis-suq ta’ xorb miksub minn inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati prodotti f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li għandhom denominazzjonijiet tal-bejgħ li huma riżervati għall-prodotti tal-inbid aromatizzat.

---

6 Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/251/oj).

(33) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod korrett dwar in-natura tal-prodotti tal-inbid aromatizzat b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli f'konformità ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għat-tikkettar tal-inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati, sabiex il-prodotti tal-inbid aromatizzat miksuba minn inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati jiġu deskritti fil-preżentazzjoni u t-tikkettar tagħhom bl-istess termini bħall-prodotti tad-dwieli bil-kontenut ta' alkoħol korrispondenti. Huwa xieraq wkoll li r-rekwiżiti lingwistiċi applikabbli għall-prodotti tal-inbid aromatizzat jiġu allinjati ma' dawk diġà applikabbli għall-prodotti tad-dwieli.

(34) Il-kwistjonijiet enfasizzati għall-prodotti tad-dwieli fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-mezzi elettroniċi li fihom id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti huma validi wkoll għall-prodotti tal-inbid aromatizzat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 251/2014 billi tistabbilixxiregoli dwar l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi għall-prodotti tal-inbid aromatizzat.

(35) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi l-ġodda tal-konsumaturi u l-ħtieġa għall-innovazzjoni tal-prodott, ir-regoli dwar il-produzzjoni u t-tikkettar tal-kategoriji ta' prodotti tal-inbid aromatizzat "*Glühwein", "Viiniglögi/Vinglögg/Karštas vynasand"* u *"Pelin"* jenħtieġ li jiġu emendati biex ikunu jistgħu jiġu prodotti bl-użu tal-inbid rożè u biex dan jiġi indikat fit-tikkettar. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġi pprojbit l-użu tat-terminu "rożè" fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' *Glühwein* u *Pelin* prodotti billi jitħalltu l-inbid aħmar u abjad jew kwalunkwe wieħed minnhom mal-inbid rożè. Għall-istess raġunijiet, huwa xieraq ukoll li x-xorb alkoħoliku prodott bl-istess rekwiżiti bħal dawk stabbiliti għall-*Glühwein,* iżda li għandu bħala ingredjent ewlieni tiegħu l-inbid tal-frott minflok il-prodotti tad-dwieli, jitħalla juża d-denominazzjoni tal-bejgħ *Glühwein* fil-preżentazzjoni u t-tikkettar tiegħu.

(36) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-ristrutturar u l-konverżjoni tat-tip ta' intervent tal-vinji, huwa xieraq li fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(i), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jiġi ċċarat li huwa possibbli wkoll li l-konverżjoni varjetali ssegwi l-objettiv li tiżdied ir-reżiljenza tad-dwieli għall-klima.

(37) It-turiżmu tal-inbid huwa attività kummerċjali dejjem aktar importanti għal ħafna operaturi tal-inbid. Sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-bejgħ dirett lit-turisti f'reġjuni produtturi, huwa xieraq li jiġi ċċarat li huwa possibbli wkoll li t-turiżmu tal-inbid ikun is-suġġett ta' investimenti fi strutturi u għodod tal-kummerċjalizzazzjoni.

(38) Fis-sitwazzjoni attwali diffiċli u li qed tevolvi malajr tas-suq u bil-ħsieb li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-vinji u l-iskambju tal-għarfien, id-disponibbiltà ta' servizzi ta' konsulenza għall-vitikulturi u operaturi oħra fis-settur tal-inbid issir importanti ferm. Għalhekk, it-tipi ta' servizzi ta' konsulenza elenkati fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jiġu emendati biex jinkludu s-servizzi ta' konsulenza addizzjonali importanti, bħall-kummerċjalizzazzjoni permezz tal-bejgħ dirett, is-sostenibbiltà ambjentali u d-diversifikazzjoni mill-produzzjoni tal-inbid.

(39) Barra minn hekk, bil-ħsieb li tiżdied l-effettività tal-appoġġ għall-iżvilupp tat-turiżmu tal-inbid f'reġjuni differenti tal-inbid, huwa xieraq li bħala benefiċjarji tat-tip ta' intervent imsemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jiġu permessi b'mod espliċitu organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 152, 156 u 157 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li huma attivi fis-settur tal-inbid, gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], kif ukoll organizzazzjonijiet professjonali oħra li joperaw fis-settur tal-inbid stabbiliti bħala benefiċjarji mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

---

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spiritwż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

(40) Sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw ristrutturar effiċjenti tal-vinji u l-ħtieġa li tiġi evitata żieda fil-produzzjoni li tista' twassal għal provvista eċċessiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji kif imsemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Jenħtieġ li dawn il-kundizzjonijiet ikollhom l-għan li jevitaw żieda fir-rendiment, u għalhekk fil-produzzjoni, għall-vinji soġġetti għal dawn it-tip ta' interventi.

(41) Sabiex ikun hemm adattament għax-xejriet tas-suq u jiġu sfruttati opportunitajiet effiċjenti tas-suq, inkluż billi jinfetħu swieq ġodda ta' esportazzjoni u jiġu diversifikati s-swieq disponibbli, it-tul tal-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mwettqa f'pajjiżi terzi jenħtieġ li jkun ta' tliet snin. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li jestendu d-durata ta' operazzjoni darbtejn għal perjodu massimu ta' tliet snin għal kull estensjoni, li jirriżulta f' perjodu massimu ta' disa' snin konsekuttivi. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċess tal-produtturi ż-żgħar kif definit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273[8], għall-appoġġ li huwa disponibbli taħt it-tip ta' intervent ta' promozzjoni u komunikazzjoni, billi jipprovdulhom proċedura ta' applikazzjoni simplifikata jew billi japplikaw kriterji ta' prijorità oġġettivi u nondiskriminatorji li jikkonċernaw benefiċjarji ġodda, swieq ġodda u prodotti ġodda. Meta titqies id-diversità tal-istrutturi tas-suq tal-inbid f'pajjiżi terzi u n-nuqqas ta' definizzjoni komuni ta' "suq ta' pajjiż terz" għall-finijiet tat-tip ta' intervent ta' promozzjoni u komunikazzjoni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti xi elementi ewlenin biex jgħinu lill-Istati Membri jaslu għad-definizzjoni tagħhom stess ta' suq ta' pajjiż terz għall-implimentazzjoni ta' dawk l-interventi.

[8] Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-taħwil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/560 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/273/oj).

(42) Pesti kuntaġġużi ħafna, bħall-*flavescence dorée*, huma theddida kbira għall-produzzjoni tal-inbid, peress li jdgħajfu d-dwieli billi jnaqqsu l-produttività jew jeqirdu kompletament l-istokkijiet tad-dwieli. Peress li l-kura spiss tkun diffiċli jew impossibbli ladarba l-istokkijiet tad-dwieli jiġu infettati, l-uniku mod kif wieħed jirreaġixxi b'mod effiċjenti għat-theddida huwa permezz ta' interventi ta' prevenzjoni u ġestjoni. Fid-dawl tar--riskji fitosanitarji għoljin li joħolqu tali pesti, u l-importanza ta' azzjonijiet sistematiċi u kollettivi biex jiġi evitat li jinxterdu, huwa xieraq li jiġi pprovdut appoġġ speċifiku għal tali azzjonijiet. Konsegwentement, tip ġdid ta' intervent fis-settur tal-inbid jenħtieġ li jiżdied mal-lista ta' tipi ta' intervent stabbilita fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2115.

(43) Filwaqt li jitqies l-iżbilanċ strutturali gravili jeżisti f'ċerti reġjuni li jipproduċu l-inbid, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jiffinanzjaw il-qlugħ permanenti tad-dwieli ta' vinji produttivi permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jiżdied tip ġdid ta' intervent fis-settur tal-inbid fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2115. Bħall-miżura ta' qlugħ permanenti tad-dwieli ffinanzjata minn pagamenti nazzjonali, imsemmija fl-Artikolu 216 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, dak it-tip ġdid ta' intervent, jiġifieri "qlugħ permanenti tad-dwieli" jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi bħal projbizzjoni fuq iż-żamma jew il-kisba ta' awtorizzazzjoni valida għat-tħawwil matul ċertu perjodu jew restrizzjonijiet imposti mill-Istati Membri fir-rigward ta' żoni esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent fejn il-vinji jkollhom rwol ambjentali, ta' preservazzjoni tal-pajsaġġ jew soċjoekonomiċi importanti.

(44) Sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat għall-vitikulturi fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima, huwa li l-Istati Membri **jingħataw il-possibbiltà li** jżidu l-assistenza finanzjarja massima tal-Unjoni sa 80 % tal-ispejjeż reali tar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji jekk l-intervent isegwi dak l-objettiv.

(45) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-settur tal-inbid, l-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jitwettqu mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, bħal kooperattivi, jenħtieġ li jibbenefikaw mir-rata massima ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 59(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif diġà huwa l-każ għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[9].

(46) Sabiex il-produtturi jiġu appoġġjati aktar fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif ukoll biex jiġu ffaċilitati t-titjib fis-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali, huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jżidu l-assistenza finanzjarja massima mill-Unjoni għal investimenti li jsegwu dak l-objettiv sa 80 % tal-kostijiet tal-investiment eliġibbli.

---

[9] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

(47) Barra minn hekk, jeħtieġ jiġi ċċarat li l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li ma tingħatax lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà" kif inhu l-każ għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dak ir-Regolament.

(48) Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-kamp ta' applikazzjoni estiż tat-tip ta' intervent tas-servizzi ta' konsulenza msemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115 ikun akkumpanjat minn sett xieraq ta' regoli finanzjarji, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit il-perċentwal massimu tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni li tista' tingħata lil dak it-tip ta' intervent.

(49) Sabiex jiġu appoġġjati aktar it-tipi ta' interventi ta' informazzjoni, promozzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (h) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jżidu l-assistenza finanzjarja massima mill-Unjoni għal tali interventi sa 60 % tan-nefqa eliġibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-Istati Membri jipprovdu kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet eliġibbli ta' dawn it-tipi ta' interventi. Meta jitqies li l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE jiffaċċjaw aktar ta' spiss restrizzjonijiet finanzjarji meta jwettqu kampanji ta' komunikazzjoni u promozzjoni mill-intrapriżi kbar, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jipprovdu appoġġ finanzjarju akbar lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

(50) Sabiex jingħata appoġġ suffiċjenti għall-ġlieda kontra pesti infettivi ħafna, huwa xieraq li t-tip ta' intervent imsemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (n), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jitħalla jibbenefika minn assistenza finanzjarja tal-Unjoni li tkopri sa 100 % tan-nefqa eliġibbli.

(51) Barra minn hekk, jeħtieġ tiġi stabbilita l-assistenza finanzjarja massima tal-Unjoni għall-qlugħ permanenti tad-dwieli skont it-tip ta' intervent imsemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (o), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Tali assistenza jenħtieġ li tammonta għal perċentwal tas-somma tal-ispejjeż diretti tal-qlugħ tad-dwieli u t-telf stmat ta' dħul għal sena waħda għaż-żona li fiha jkun sar il-qlugħ tad-dwieli. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-Istati Membri jipprovdu kontribuzzjoni nazzjonali.

(52) Ix-xorb spiritu b'indikazzjoni ġeografika spiss jiddependi fuq ktajjen tal-provvista kumplessi li jinvolvu diversi operaturi li jwettqu stadji ta' produzzjoni differenti. Arranġamenti li jiddependu fuq akkwist flessibbli huma komuni ħafna. L-obbligu speċifiku tat-tikkettar għax-xorb spirituż stabbilit fl-Artikolu 37(5) tar-Regolament (UE) 2024/1143, li jirrikjedi l-indikazzjoni tal-isem tal-produttur fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika, intwera li ma jaqbilx sew mal-istruttura tal-biċċa l-kbira tal-katina tal-provvista tax-xorb spirituż. Sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-prattiki stabbiliti u l-impożizzjoni ta' piżijiet sproporzjonati fuq l-operaturi f'dan is-settur, speċjalment fuq il-produtturi żgħar u ta' daqs medju, huwa xieraq li dak l-obbligu jitneħħa.

(53) Sabiex jiġu ssupplimentati r-regoli rilevanti u jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-inbid, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li taddotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-iskema ta' awtorizzazzjoni għat-tħawwil tad-dwieli, il-kundizzjonijiet għall-qlugħ tad-dwieli ta' vinji abbandunati, ir-regoli relatati mal-kriterji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għal taħwil ġdid, inkluż iż-żieda ta' kriterji, il-koeżistenza ta' dwieli li l-produttur ikun impenja ruħu li jaqla' ma' dwieli li jkunu għadhom kif tħawlu, ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri rigward it-taħwil mill-ġdid, il-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà u l-kriterji ta' prijorità li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri fir-rigward tal-allokazzjoni tal-pagamenti nazzjonali, l-elementi li jiddeterminaw l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' kriżi, il-metodu ta' kalkolu għall-pagamenti nazzjonali u l-koerenza ma' miżuri oħra ta' appoġġ tal-Unjoni għas-settur tal-inbid; kif ukoll l-identifikazzjoni fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi u l-forma u t-tqassim tal-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[10]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[10] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

(54) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-titjib ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għall-prodotti tal-inbid aromatizzat, kif ukoll ċerti regoli dwar it-tikkettar għax-xorb spiritwż, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(55) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014, (UE) 2021/2115 u (UE) 2024/1143 jiġu emendati skont dan.

(56) Sabiex il-produtturi jingħataw żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda li jikkonċernaw id-denominazzjoni tal-prodotti tad-dwieli b'kontenut alkoħoliku imnaqqas, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti l-ġodda jibdew japplikaw 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju. Huwa xieraq ukoll li jiġu pprovduti regoli tranżizzjonali li jippermettu li l-prodotti tad-dwieli ttikkettati qabel l-applikazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda jkomplu jiġu introdotti fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

(57) Id-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar limitu massimu ta' ettari ta' vinji mħawla li jeżentaw l-Istati Membri mill-obbligu li japplikaw l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli jenħtieġ li tiġi posposta bi 48-il xahar sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex tiġi implimentata għal dawk l-Istati Membri li ż-żona tal-vinji tagħhom tkun ogħla mil-limitu massimu ta' ettari fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013*

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(5), jiżdied il-punt li ġej:

"(c) 'ħsad bikri' tfisser il-qerda jew it-tneħħija totali ta' għenieqed tal-għeneb waqt li jkunu għadhom fl-istadju immatur tagħhom, biex b'hekk jitnaqqas ir-rendiment taż-żona rilevanti għal żero, u l-esklużjoni ta' ħsad xejn li jinkludi li l-għeneb kummerċjali jitħalla fuq il-pjanti fi tmiem iċ-ċiklu normali ta' produzzjoni."

(2) L-Artikolu 61 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 61*

*Durata*

L-iskema ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli stabbilita f'dan il-Kapitolu għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2016, b'reviżjoni li għandha ssir mill-Kummissjoni fl-2028 u kull għaxar snin minn hemm' il quddiem biex tevalwa l-operazzjoni tal-iskema." Il-Kummissjoni tista', jekk ikun adatt, tagħmel proposti."

(3) L-Artikolu 62 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l--Artikolu 64, għandhom ikunu validi sa l-aħħar jum tat-tielet sena ta' kummerċjalizzazzjoni wara s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li fiha jkunu ngħataw. Produttur li ma jkunx uża awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikoli 64 u 68 matul il-perjodu ta' validità tagħha għandu jkun soġġett għal penali amministrattivi kif imsemmi fl-Artikolu 90a(4).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-produtturi li jkollhom awtorizzazzjonijiet validi mogħtija f'konformità mal-Artikoli 64 u 68 qabel l-1 ta' Jannar 2025 ma għandhomx ikunu soġġetti għall-penali amministrattivi msemmija fl-Artikolu 90a(4) dment li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti qabel id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tagħhom, u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026 li ma għandhomx l-intenzjoni li jagħmlu użu minnha.

Meta żona determinata sew tkun affettwata serjament minn każ wieħed jew miż-żewġ każijiet ta' *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) u (c), tar-Regolament (UE) 2021/2116, l-Istat Membru kkonċernat jista' jestendi l-validità tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 64 ta' dan ir-Regolament biex jintużaw f'dik iż-żona li jkunu waslu biex jiskadu sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li matulha jseħħ każ wieħed jew iż-żewġ każijiet ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali sa tnax-il xahar. L-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tista' tiġi estiża skont dan is-subparagrafu darba biss. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lid-detenturi ta' kull awtorizzazzjoni kkonċernata li l-validità tagħha ġiet estiża. Meta, sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara dik li fiha jkun seħħ każ wieħed jew iż-żewġ każijiet ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali, id-detentur ta' awtorizzazzjoni għat-tħawwil jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li huwa irrinunzja l-awtorizzazzjoni, il-penali amministrattivi previsti fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jirrinunzjaw il-penali amministrattivi previsti fl-Artikolu 90a(4) dan ir-Regolament fuq talba ġustifikata mid-detentur ta' awtorizzazzjoni għat-tħawwil skont l-Artikoli 64 u 68 ta' dan ir-Regolament affettwat minn każ ta' *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116.

L-awtorizzazzjonijiet mogħtija f'konformità mal-Artikolu 66 fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] jew warajha u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija b'konformità ma' dan l-Artikolu li jkunu validi f'dak il-jum għandhom ikunu validi sa l-aħħar jum tat--tmien sena wara s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni tal-inbid li fiha jkunu ngħataw. Il-produtturi li ma jkunux użaw awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikolu 66 matul il-perjodu ta' validità tagħha ma għandhomx ikunu soġġetti għall-penali amministrattivi msemmija fl-Artikolu 90a(4).

L-awtorizzazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet transizzjonali ta' l-Artikolu 68 għandhom jiskadu fl-aħħar jum tal-aħħar sena ta' kummerċjalizzazzjoni tal-inbid tal-validità tagħhom.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu l-qlugħ tad-dwieli ta' vinji abbandunati għal raġunijiet ta' saħħa u fitosanitarji.";

(4) L-Artikolu 63 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu:

(a) japplikaw fil-livell nazzjonali perċentwal aktar baxx mill-perċentwal stabbilit fil-paragrafu 1;

(b) jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, jew ma joħorġux awtorizzazzjonijiet, għal tħawwil ġdid, fil-livell reġjonali, għal żoni speċifiċi eliġibbli għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta, għal żoni eliġibbli għall-produzzjoni ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta, jew għal żoni mingħajr indikazzjoni ġeografika;

(c) jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, jew ma joħorġux awtorizzazzjoni, għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali, għal żoni speċifiċi jew għal dwieli li jipproduċu tipi speċifiċi ta' nbid, fejn il-miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni li jikkonċernaw id-distillazzjoni tal-inbid, il-ħsad bikri jew il-qlugħ tad-dwieli jkunu ġew implimentati f'każijiet ġustifikati ta' kriżi.

L-Istati Membri li jillimitaw il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punti (b) jew (c), jistgħu jirrikjedu li tali awtorizzazzjonijiet jintużaw fir-reġjuni kkonċernati.";

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Kwalunkwe limitazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 li tiġi imposta għandha tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni. Huma għandhom jiġu ġġustifikati għal waħda jew aktar mir-raġunijiet speċifiċi li ġejjin:";

(ii) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-ħtieġa li jiġi evitat riskju muri ta' provvista żejda ta' prodotti tal-inbid fir-rigward tal-prospetti tas-suq għal dawk il-prodotti, fejn il-limitazzjonijiet ma ma jeċċedux dak li hu neċessarju biex tiġi ssodisfata din il-ħtieġa;

(b) il-ħtieġa li jiġi evitat riskju muri ta' żvalutar sinifikanti jew użu mhux xieraq minn partijiet terzi li jfittxu li japprofittaw mir-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta partikolari;";

(5) L-Artikolu 64 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (1), jiżdied il-punt li ġej:

"(e) f'reġjuni fejn l-Istat Membru jkun iddeċieda li jillimita l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ġodda għat-tħawwil skont l-Artikolu 63(2), il-punt (c), l-applikant għandu jikkonforma mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti għall-fini li jiġu evitati rendimenti eċċessivi fil-vinji l-ġodda li għandhom jitħawlu.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) proġetti bil-potenzjal li jtejbu l-prodotti b'indikazzjonijiet ġeografiċi jew il-kwalità tagħhom;";

(6) Fl-Artikolu 65, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta japplika l-Artikolu 63(2), Stat Membru jista' jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet ippreżentati minn organizzazzjonijiet professjonali rikonoxxuti li joperaw fis-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikoli 152, 156 u 157 ta' dan ir-Regolament, minn gruppi ta' produtturi msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew minn tipi oħra ta' organizzazzjonijiet professjonali rikonoxxuti abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru, sakemm dawk ir-rakkomandazzjonijiet ikunu ppreċeduti minn qbil bejn il-partijiet rappreżentattivi rilevanti fiż-żona ġeografika ta' referenza.";

(7) L-Artikolu 66 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-produtturi li jkunu qalgħu d-dwieli minn żona mħawla bid-dwieli f'konformità mal-Artikolu 216(1) ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (o), tar-Regolament (UE) 2021/2115 la għandhom ikunu intitolati japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid għal dik iż-żona u lanqas li jirċevuha.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tintuża fuq l-istess azjenda li fuqha jkun twettaq il-qlugħ ta' dwieli. L-Istati Membri jistgħu, abbażi ta' rakkomandazzjoni minn organizzazzjoni professjonali rikonoxxuta msemmija fl-Artikoli 152, 156 u 157 ta' dan ir-Regolament jew grupp ta' produtturi msemmi fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, jirrestrinġu f'żoni eliġibbli għall-produzzjoni tal-inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid li jirriżultaw mill-qlugħ tad-dwieli ta' vinji barra minn dik iż-żona.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Stat Membru jista' jissoġġetta l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 1 għal waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorizzazzjoni għandha tintuża fl-istess żona ġeografika, definita mill-Istat Membru, li fiha kienu jinsabu d-dwieli maqlugħa rilevanti, meta ż-żamma tal-vitikultura f'dik iż-żona ġeografika hija ġġustifikata b'raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali;

(b) għandhom jintużaw biss dwieli li jipproduċu tipi speċifiċi ta' nbid u metodi ta' produzzjoni li ma jkunux ġew identifikati mill-Istat Membru bħala li jżidu b'mod sinifikanti r-rendiment medju tar-reġjun ta' produzzjoni, jew metodi ta' produzzjoni tradizzjonali ta' dak ir-reġjun biss meta ż-żona rilevanti bid-dwieli maqlugħa tkun tinsab f'reġjun ta' produzzjoni li l-Istat Membru jkun ikkwalifika bħala affettwat minn żbilanċ strutturali tas-suq;

(c) l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tintuża f'reġjun ta' produzzjoni li jkun differenti minn dak fejn tkun tinsab iż-żona bid-dwieli maqlugħa meta l-Istat Membru jkun ikkwalifika dak ir-reġjun ta' produzzjoni differenti bħala affettwat minn żbilanċ strutturali tas-suq;

(d) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji għall-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid biex jiġi evitat li jiżdiedu ż-żoni tal-vinji u l-produzzjoni tal-inbid f'reġjuni suxxettibbli għal provvista żejda u li fihom jkunu ġew applikati miżuri ta' kriżi kif ukoll sabiex jitqiesu l-iżviluppi tas-suq f'konformità mal-istrateġiji settorjali nazzjonali jew reġjonali tagħhom.

Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tat-tieni subparagrafu ma għandhomx japplikaw għall-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid f’żoni kkaratterizzati mid-diffikultà eċċezzjonali ta’ kultivazzjoni minħabba fatturi strutturali u morfoloġiċi msemmija fil-Parti D tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273*.

---

* Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-taħwil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/560 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/273/oj).”;

(8) L-Artikolu 67 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 67*
*De minimis*

L-iskema ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli stabbilita f'dan il-Kapitolu ma għandhiex tapplika fl-Istati Membri fejn iż-żona tal-vinji ma tkunx qabżet l-10 000 ettaru f'mill-inqas tlieta mill-ħames snin ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti sakemm l-Istat Membru ma jkunx iddeċieda li jimplimenta l-iskema ta' awtorizzazzjonijiet. Meta l-kundizzjoni li ż-żona ma taqbiżx l-10 000 ettaru ma tibqax tiġi ssodisfata, l-iskema ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli għandha tapplika mill-bidu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara dik li fiha l-kundizzjoni ma baqgħetx tiġi ssodisfata.";

(9) L-Artikolu 69 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 69*
*Setgħat delegati*

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati, skont -Artikolu 227 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli addizzjonali li jikkonċernaw:

(a) il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 62(4);

(b) il-kundizzjonijiet għall-qlugħ tad-dwieli ta' vinji abbandunati, imsemmija fl-Artikolu 62(6);

(c) ir-regoli relatati mal-kriterji, imsemmijin fl-Artikolu 64(1) u (2);

(d) il-koeżistenza tad-dwieli li l-produttur ikun impenja ruħu li jaqla’ ma’ dwieli mħawlin mill-ġdid skont l-Artikolu 66(2);

(e) ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 66(3) u 3(a).

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 227 biex temenda dan ir-Regolament billi żżid kriterji addizzjonali ma’ dawk elenkati fl-Artikolu 64(1) u (2).”;

(10) L-Artikolu 119 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli f'konformità mal-Parti II ta' l-Anness VII, il-Parti II. u, għall-kategoriji ta' prodotti tad-dwieli definiti fil-Parti II, il-punt (1) u l-punti (4) sa (9) ta' l-Anness VII, fejn ikun ġie applikat trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mal-Parti I, it-Taqsima E tal-Anness VIII, għall-prodott kollu jew għal parti minnu, dik id-denominazzjoni ssupplimentata minn:

(i) it-terminu "mingħajr alkoħol" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,5 % skont il-volum; akkumpanjata mill-espressjoni "0,0 %", jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,05 % skont il-volum;

(ii) it-terminu "b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott tkun 'il fuq minn 0,5 % skont il-volum u tkun mill-inqas 30 % inqas mill-qawwa alkoħolika proprja minima tal-prodotti fil-kategorija qabel id-dealkoħolizzazzjoni;";

(ii) jiżdied il-punt li ġej:

"(k) għall-prodotti tad-dwieli fejn ġie applikat trattament ta' dealkoħolizzazzjoni għall-prodott kollu jew parti minnu, it-terminu "prodotti permezz tad-dealkoħolizzazzjoni.";

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-obbligu li jiġu indikati l-indikazzjonijiet obbligatorji fuq kwalunkwe imballaġġ partikolari japplika darba biss fir-rigward ta' dak l-imballaġġ.";

(b) Jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, r-rekwiżit li jiġu indikati l-indikazzjonijiet imsemmija fil-punti (h) u (i) ma għandux japplika fil-każ ta' prodotti tal-inbid maħsuba biss għall-esportazzjoni.";

(11) L-Artikolu 122, il-paragrafu 1, huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (c), il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) termini li jirreferu għal azjenda u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom u r-relazzjoni tagħhom ma' trademarks u ismijiet kummerċjali.";

(b) fil-punt (d), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(v) l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 119(4) u (5), inkluż permezz ta' pittogramma jew simbolu komuni minflok kliem;

(vi) il-forma u t-tqassim tal-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi, sabiex tiġi ssimplifikata l-preżentazzjoni tagħha, tiġi adattata għall-progress teknoloġiku futur u għal rekwiżiti ġodda dwar l-informazzjoni obbligatorja rilevanti għall-konsumaturi kif previst mil-liġi tal-Unjoni jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jew sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-konsumatur.";

(12) fl-Artikolu 167(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex tittejjeb u tiġi stabbilizzata l-operazzjoni tas-suq komuni fl-inbejjed, inkluż l-għeneb, il-most u l-inbejjed li ġejjin minnhom, l-Istati Membri produtturi jistgħu jistabbilixxu regoli ta' kummerċjalizzazzjoni li jirregolaw il-provvista, inkluż l-iffissar ta' rendimenti massimi u l-istabbiliment ta' regoli għall-ġestjoni tal-istokkijiet. L-Istati Membri jistgħu jqisu, f'ordni dixxendenti ta' prijorità, id-deċiżjonijiet adottati mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikoli 157 u 158 ta' dan ir-Regolament, gruppi ta' produtturi msemmija fl-Artikolu 32 u 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, u organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont l-Artikoli 152 u 154 ta' dan ir-Regolament, fejn tali organizzazzjonijiet u gruppi jitqiesu li huma rappreżentattivi għas-settur tal-inbid f'konformità mal-Artikolu 164(3) u mal-Artikolu 166a(2) ta' dan ir-Regolament, fiż-żona ekonomika jew fiż-żoni ekonomiċi fejn ikun maħsub li jiġu applikati r-regoli.";

(13) L-Artikolu 172b huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 172b*

*Gwida tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u l-gruppi ta' produtturi għall-bejgħ tal-għeneb, il-most u l-inbejjed bl-ingrossa b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta*

1. B'deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u gruppi ta' produtturi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-settur tal-inbid, meta tali organizzazzjonijiet u gruppi jkunu meqjusa rappreżentattivi f'konformità mal-Artikolu 164(3) u l-Artikolu 166a(2) ta' dan ir-Regolament rispettivament fiż-żona ġeografika rilevanti, jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-għeneb, il-most u l-inbejjed bl-ingrossa għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm tali gwida ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

2. L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 tista' tiddeċiedi f'każijiet individwali li, fil-futur, wieħed jew aktar mill-indikaturi ta' gwida tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jridu jiġu modifikati, jitwaqqfu jew ma jiġu pprovduti xejn jekk tqis li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat li l-kompetizzjoni tiġi eliminata fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni jew jekk tqis li l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE huma mhedda.

Meta taġixxi taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub minn qabel jew bla dewmien wara li tiftaħ l-ewwel miżura formali tal-investigazzjoni u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet adottati bla dewmien wara li jkunu ġew adottati.

Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw aktar kmieni mid-data tan-notifika tagħhom lill-impriżi kkonċernati.";

(14) L-Artikolu 216 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Pagamenti nazzjonali għad-distillazzjoni ta' nbid, il-ħsad bikri* ***u l-qlugħ*** *tad-dwieli f'każijiet ġustifikati ta' kriżi";*

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu pagamenti nazzjonali lill-produtturi tal-inbid għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-inbid, il-ħsad bikri volontarju u l-qlugħ volontarju tad-dwieli ta' vinji produttivi f'każijiet ġustifikati ta' kriżi.

Il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu fir-rigward ta' kriżi ta' distillazzjoni u ħsad bikri ma għandhomx jaqbżu s-somma tal-ispejjeż, tal-operazzjoni kkonċernata, u tal-inċentiv għall-involviment f'tali operazzjoni, fejn rilevanti, tal ispejjeż tal-prodott, u għandhom ikunu biżżejjed biex jippermettu li tiġi indirizzata l-kriżi.

Il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu fir-rigward tal-qlugħ tad-dwieli ta' vinji produttivi ma għandhomx jaqbżu s-somma tal-ispiża diretta tat-twettiq tal-qlugħ tad-dwieli u kumpens finanzjarju, li jista' jkopri sa 100 % tat-telf stmat ta' dħul għal sena waħda fir-rigward taż ż-żona li fiha jkun sar il-qlugħ tad-dwieli.

Dawk il-pagamenti għandhom ikunu proporzjonati u għandhom ikunu biżżejjed biex jippermettu li dik il-kriżi tiġi indirizzata.

L-ammont globali tal-pagamenti disponibbli fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikolari għall-pagamenti nazzjonali għad-distillazzjoni u l-ħsad bikri ma għandux ikun aktar minn ***25 %*** tal-fondi disponibbli globalment għal kull Stat Membru għal dik is-sena kif stabbilit fl-Anness VII għar-Regolament (UE) 2021/2115.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħmlu użu mill-pagamenti nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissottomettu avviż debitament sostanzjat lill-Kummissjoni. F' dawk in-notifiki, l-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw l-adegwatezza tal-miżura, it-tul tagħha u l-ammonti ta' appoġġ u arranġamenti dettaljati oħra abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq tagħhom u dawk tar-reġjuni tal-inbid li fihom il-miżura tiġi implimentata.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, mingħajr ma tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 229(2) jew (3), jekk l-ammont, it-tul u arranġamenti dettaljati oħra tal-miżura humiex approvati u jekk jistgħux isiru l-pagamenti lill-produtturi tal-inbid.

Il-benefiċjarji ta' pagamenti nazzjonali għall-qlugħ tad-dwieli skont dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu eliġibbli biex japplikaw għal awtorizzazzjonijiet ġodda għat-tħawwil f'konformità mal-Artikolu 64 matul l-10 snin ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara dik li fiha jkun sar il-qlugħ tad-dwieli. Kwalunkwe awtorizzazzjoni valida għal tħawwil ġdid li jkollhom tali benefiċjarji għandha tiġi revokata mill-Istat Membru meta tiġi approvata l-applikazzjoni għall-qlugħ tad-dwieli.

L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-pagamenti għall-qlugħ tad-dwieli żoni li fihom il-vinji għandhom rwol importanti għal raġunijiet ambjentali, ta' preservazzjoni tal-pajsaġġ jew soċjoekonomiċi.

Fiż-żoni ta' produzzjoni u għat-tipi ta' nbejjed li għalihom tkun ġiet implimentata waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal tliet snin konsekuttivi, l-Istat Membru kkonċernat għandu jissospendi l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ġodda għat-tħawwil f'konformità mal-Artikolu 64 sa tmiem it-tieni sena ta' kummerċjalizzazzjoni wara l-aħħar sena ta' kummerċjalizzazzjoni li fiha tkun ġiet applikata l-miżura.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u kriterji ta' prijorità sabiex jiggarantixxu l-effettività u l-immirar tal-miżura.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 227 biex tissupplimenta dan l-Artikolu billi tistabbilixxi regoli dwar:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà u l-kriterji ta' prijorità li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri fir-rigward tal-allokazzjoni tal-pagamenti nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) elementi li jiddeterminaw l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' kriżi;

(c) il-metodu ta' kalkolu tal-pagamenti nazzjonali; u

(d) il-koerenza ta' tali pagamenti nazzjonali ma' miżuri oħra ta' appoġġ tal-Unjoni għas-settur tal-inbid fi ħdan il-PAK, inkluża l-eliġibbiltà tal-benefiċjarji jew tar-reġjuni ta' produzzjoni koperti minn dawn il-pagamenti nazzjonali għal miżuri oħra ta' appoġġ tal-Unjoni.”**;**

(15) Fil-Parti II tal-Anness VII, is-subparagrafi li ġejjin jiżdiedumal-kliem introduttorju:

“Il-prodotti tad-dwieli tal-kategoriji stabbiliti fil-punti (4) u (8) jistgħu jinkisbu bit-tieni fermentazzjoni ta' nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati msemmija fil-punt (1).

Il-prodotti tad-dwieli tal-kategoriji stabbiliti fil-punti (7) u (9) jistgħu jinkisbu biż-żieda tad-diossidu tal-karbonju ma' nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati msemmija fil-punt (1).”.

*Artikolu 2*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 251/2014*

Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. B'deroga mil-limiti minimi tal-qawwa alkoħolika attwali u l-qawwa alkoħolika totali stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (g), il-paragrafu 3, il-punt (g), u l-paragrafu 4, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu, u fl-Anness II tiegħu. għal kull kategorija ta' prodotti, il-prodotti tal-inbid aromatizzat jista' jkollhom qawwa alkoħolika attwali u qawwa alkoħolika totali skont il-volum aktar baxxi meta jinkisbu minn prodotti tad-dwieli li jkun sarilhom, fit-totalità tagħhom jew parzjalment, trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mal-Parti I, it-Taqsima E, tal-Anness VIII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.";

(2) Fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Meta l-prodotti tal-inbid aromatizzat ikunu nkisbu minn prodotti tad-dwieli li jkunu għaddew, fit-totalità tagħhom jew parzjalment, minn trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mal-Parti I, it-Taqsima E, tal-Anness VIII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, id-denominazzjonijiet tal-bejgħ tagħhom għandhom jiġu ssupplimentati mit-termini stabbiliti fl-Artikolu 119(1), il-punt (a)(i) u (ii), u fl-Artikolu 119(1), il-punt (k), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 bil-kundizzjonijiet stabbiliti fih.";

(3) fl-Artikolu 6a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-inbid aromatizzat, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 ħalli tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dwar:

(a) l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ, jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu, tal-mezzi elettroniċi msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, inkluż permezz ta' pittogramma jew simbolu komuni minflok kliem;

(b) il-forma u t-tqassim tal-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi, sabiex tiġi ssimplifikata l-preżentazzjoni tagħha, tiġi adattata għall-progress teknoloġiku futur u għal rekwiżiti ġodda dwar l-informazzjoni obbligatorja rilevanti għall-konsumaturi kif previst mil-liġi tal-Unjoni jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jew sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-konsumatur.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 6b*

*Repetizzjoni tad-dettalji obbligatorji*

L-obbligu li jiġu indikati d-dettalji obbligatorji fuq kwalunkwe imballaġġ partikolari japplika darba biss fir-rigward ta' dak l-imballaġġ.";

(5) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-denominazzjonijiet tal-bejgħ stabbiliti b'tipa korsiva fl-Anness II la għandhom jiġu tradotti fuq it-tikketta u lanqas fil-preżentazzjoni tal-prodotti tal-inbid aromatizzat.

Id-dettalji addizzjonali u obbligatorji msemmija fl-Artikolu 6 u l-Artikolu 6a kif ukoll it-termini msemmija fl-Artikolu 5(1a) għandhom, meta mfissra fi kliem, jidhru b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Unjoni.";

(6) fil-Parti B tal-Anness II, il-punt (8) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(8) *Glühwein*

Xorb aromatizzat ibbażat fuq l-inbid

– li jinkiseb esklużivament minn inbid aħmar, abjad jew rożè jew taħlita tagħhom,

– li jingħata t-togħma prinċipalment bil-kannella jew bl-imsiemer tal-qronfol, jew bit-tnejn li huma, u

– li għandu qawwa alkoħolika attwali skont il-volum ta' mhux inqas minn 7 % vol.

Mingħajr ħsara għall-kwantitajiet tal-ilma li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Anness I, il-punt 2, iż-żieda ta' ilma hija pprojbita.

Meta jkun ġie ppreparat esklużivament minn inbid abjad, id-denominazzjoni tal-bejgħ "*Glühwein*" għandha tiġi ssupplimentata bit-terminu "abjad".

Meta jkun ġie ppreparat esklużivament minn inbid rożè, id-denominazzjoni tal-bejgħ għandha tiġi ssupplimentata bit-terminu “rożè”. Madankollu, it-terminu “rożè” ma għandux jintuża meta l-*Glühwein* jinkiseb billi l-inbid aħmar jitħallat mal-inbid abjad jew wieħed minn dawk l-inbejjed jitħallat mal-inbid rożè.

Meta jkun ġie ppreparat minn taħlita ta’ nbid aħmar, abjad jew rożè, id-denominazzjoni tal-bejgħ għandha tiġi ssupplimentata bil-kliem “magħmul minn...” segwit minn termini li jindikaw il-kulur tal-inbejjed użati fil-produzzjoni.

B’deroga mill-Artikolu 5(1) u (3) ta’ dan ir-Regolament u l-ewwel u t-tielet inċiżi tal-ewwel subparagrafu ta’ dan il-punt, id-denominazzjoni tal-bejgħ “*Glühwein*” tista’ tintuża fil-preżentazzjoni u fit-tikkettar ta’ xorb iffermentat prodott f’konformità mar-rekwiżiti ta’ hawn fuq li jkun inkiseb mill-inbid tal-frott, kif definit mill-Istati Membri, f’konformità mal-Parti II, il-punt 1, il-ħames subparagrafu, il-punt (a), tal-Parti II tal-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u li għandu qawwa alkoħolika attwali skont il-volum ta’ mhux inqas minn 5 % vol. F’dak il-każ, id-denominazzjoni tal-bejgħ ta’ dik ix-xarba ffermentata tista’ tuża t-terminu “*Glühwein*” issupplimentat bil-kelma “frott” jew bl-isem tal-frott użat għall-produzzjoni ta’ tali nbid tal-frott.”;

(7) fil-Parti B tal-Anness II, il-punt (9) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(9) '*Viiniglögi/Vinglögg/Karštas vynas*'

Xorb aromatizzat ibbażat fuq l-inbid

– li jinkiseb esklużivament minn inbid aħmar, abjad, jew rożè,

– li jingħata togħma prinċipalment mill-kannella jew l-imsiemer tal-qronfol, jew bit-tnejn li huma, u

– li għandu qawwa alkoħolika attwali skont il-volum ta' mhux inqas minn 7 % vol.

Meta jkun ġie ppreparat esklużivament minn inbid abjad, aħmar jew rożè, id-denominazzjoni tal-bejgħ għandha tiġi ssupplimentata bit-termini "abjad", "aħmar" jew "rożè", rispettivament.";

(8) Fil-Parti B tal-Anness II, il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(12) *Pelin*

Xorb aromatizzat ibbażat fuq l-inbid

– li jinkiseb mill-inbid aħmar, abjad jew rożè jew minn taħlita tagħhom u taħlita speċifika ta' ħxejjex aromatiċi;

– li għandu qawwa alkoħolika attwali skont il-volum ta' mhux inqas minn 8,5 % vol.,

– li għandu kontenut massimu ta' zokkor imfisser bħala zokkor maqlub ta' massimu ta' 50 gramma għal kull litru, u aċidità totali ta' mhux inqas minn 3 grammi għal kull litru espressa bħala aċidu tartariku, u

– li miegħu jista' jkun li ġie miżjud dijossidu tal-karbonju.

Meta l-prodott jinkiseb billi l-inbid aħmar jiġi mħallat ma' nbid abjad jew kwalunkwe wieħed minn dawn l-inbejjed ma' nbid rożè, it-terminu "rożè" ma jistax jissupplimenta d-denominazzjoni tal-bejgħ.

Meta jkun ġie ppreparat minn taħlita ta' nbid aħmar, abjad jew rożè, id-denominazzjoni tal-bejgħ għandha tiġi ssupplimentata bil-kliem "magħmul minn..." segwit minn termini li jindikaw il-kuluri tal-inbejjed użati fil-produzzjoni.".

*Artikolu 3*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2021/2115*

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 45, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) tal-livell massimu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), il-punti (a), (c), (f), (g), (h) u (i) u għat-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (c), (d), (l), (n) u (o), inkluż ir-rati tal-imballaġġ u tat-trasport għall-prodotti rtirati għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas u għall-ispejjeż tal-ipproċessar qabel ma jitwasslu għal dak il-għan;";

(2) l-Artikolu 58(1) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) il-konverżjonijiet varjetali, anke permezz ta' tilqim, biex fost affarijiet oħra titjieb il-kwalità jew is-sostenibbiltà ambjentali, għal raġunijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima, żieda tar-reżiljenza klimatika tad-dwieli jew għal titjib fid-diversità ġenetika;";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli f'sistemi agrikoli ta' vinikultura, minbarra operazzjonijiet rilevanti għat-tip ta' intervent previst fil-punt (a), fil-faċilitajiet tal-ipproċessar u fl-infrastruttura għall-fabbriki tal-inbid, kif ukoll fl-istrutturi u l-għodod ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluża l-kummerċjalizzazzjoni permezz tat-turiżmu tal-inbid;";

(iii) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) servizzi ta' konsulenza, b'mod partikolari dwar: il-kondizzjonijiet tal-impjieg, l-obbligi tal-impjegatur u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-bejgħ dirett, is-sostenibbiltà ambjentali u d-diversifikazzjoni mill-produzzjoni tal-inbid;";

(iv) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) azzjonijiet immirati biex jtejbu r-reputazzjoni tal-vinji tal-Unjoni billi jippromwovu t-turiżmu tal-inbid fir-reġjuni tal-produzzjoni meħuda minn organizzazzjonijiet li joperaw fis-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikoli 152, 156 u 157 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, minn gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti f'konformità mal-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew kwalunkwe organizzazzjoni professjonali, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni tal-produtturi tal-inbid stabbiliti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom;

---

* Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).";

(v) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(n) monitoraġġ, dijanjostika, taħriġ, komunikazzjoni u riċerka biex jiġi evitat it-tixrid ta’ pesti rilevanti msemmija fil-Parti B tal-Anness II u fil-parti C tal-Anness IV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072* imwettqa minn organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont l-Artikoli 152 u 154 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri skont l-Artikoli 157 u 158 ta’ dak ir-Regolament, jew minn gruppi ta’ produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta’ oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti f’konformità mal-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(o) il-qlugħ permanenti tad-dwieli ta’ vinji produttivi, li jfisser l-eliminazzjoni sħiħa tal-istokkijiet tad-dwieli f’żona rilevanti.

---

* Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta’ Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).”;

(b) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

"Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet agronomiċi, vitikulturali speċifiċi jew kwalunkwe tip ta' kundizzjoni oħra li tiżgura li l-konverżjoni varjetali, ir-rilokazzjoni tal-vinja, it-tħawwil mill-ġdid ta' dwieli tal-vinja jew it-titjib tat-tekniki ta' ġestjoni tal-vinji li jitwettqu f'dan it-tip ta' interventi ma jiġġenerawx żieda fir-rendiment fil-vinja li trid tiġi mħawla mill-ġdid bid-dwieli.";

(c) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ewwel subparagrafu, il-punt (k), għandu japplika biss għal inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta jew inbejjed b'indikazzjoni tal-varjetà ta' għeneb tal-inbid. L-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (k), għandhom ikunu limitati għal tul ta' tliet snin. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu t-tul ta' operazzjoni darbtejn għal massimu ta' tliet snin għal kull estensjoni. Kull benefiċjarju jista' jirċievi appoġġ għal operazzjonijiet differenti mwettqa fl-istess suq skont it-tipi ta' intervent imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (k), għal għal perjodu massimu ta' disa' snin konsekuttivi.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-punt (k), Stat Membru jista' jqis l-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mwettqa f'pajjiż terz bħala dawk li jkopru t-territorju kollu tal-pajjiż terz, parti amministrattiva ta' dak it-territorju, jew tip ta' suq, kif definit dak l-Istat Membru, fil-pajjiż terz.

Fil-pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri li jagħżlu t-tipi ta' intervent imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (k), għandhom jiżguraw li l-produtturi żgħar ikollhom aċċess għall-finanzjament skont dawk it-tipi ta' intervent billi japplikaw miżuri rilevanti bħall-istabbiliment ta' proċeduri simplifikati jew l-istabbiliment ta' kriterji ta' prijorità oġġettivi u nondiskriminatorji għal benefiċjarji ġodda, swieq ġodda, u prodotti ġodda.";

(d) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (o), il-produtturi li qalgħu d-dwieli ta' vinji produttivi skont dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu intitolati japplikaw għal awtorizzazzjonijiet ġodda għat-tħawwil skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 matul l-10 snin ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara dik li fiha jkun sar il-qlugħ tad-dwieli. Meta tali produtturi jkollhom awtorizzazzjonijiet validi għal tħawwil ġdid, tali awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu revokati mill-Istat Membru meta tiġi approvata l-applikazzjoni għall-appoġġ tal-qlugħ tad-dwieli. L-Istati Membri jistgħu jeskludu minn dan it-tip ta' intervent żoni li fihom il-vinji għandhom rwol ambjentali, ta' preservazzjoni tal-pajsaġġ jew soċjoekonomiċi importanti.";

(3) L-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied l-aħħar subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni tista' tkopri sa 80 % tal-kostijiet reali tar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji jekk l-intervent ikun marbut mal-objettiv li jikkontribwixxi għall-adattament għat-tibdil fil-klima kif stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ma għandhiex taqbeż:

(a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati;

(b) 40 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni għajr ir-reġjuni inqas żviluppati;

(c) 75 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(d) 65 % tal-ispejjeż ta' investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE* u lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għat-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali fuq is-settur tal-inbid tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).

L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata 'Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà'[**].".

---

[*] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

[**] ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.";

(c) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-qlugħ tad-dwieli msemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (o), ma għandhiex taqbeż is-70 % tas-somma tal-ispejjeż diretti tat-twettiq tal-qlugħ tad-dwieli u t-telf stmat tad-dħul għal sena waħda fir-rigward taż-żona li fiha jkun sar il-qlugħ tad-dwieli. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kontribuzzjoni nazzjonali għall-intervent sa 30 % tas-somma tal-ispejjeż diretti tat-twettiq tal-qlugħ tad-dwieli u t-telf stmat ta' dħul għal sena waħda fir-rigward taż-żona li fiha jkun sar il-qlugħ tad-dwieli.";

(d) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (m), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv tal-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għat-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali fuq is-settur tal-inbid tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), ma għandhiex taqbeż:

(a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati;

(b) 40 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni għajr ir-reġjuni inqas żviluppati;

(c) 80 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(d) 65 % tal-ispejjeż ta' investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għat-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali fuq is-settur tal-inbid tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).

L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata 'Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà'.";

(f) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għas-servizzi ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (f), tista' tkopri sa 50 % tal-ispejjeż eliġibbli.";

(g) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-azzjonijiet ta' informazzjoni, promozzjoni u komunikazzjoni msemmija fl--Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (h) u (k), ma għandhiex taqbeż is-60 % tan-nefqa eliġibbli.

Barra minn hekk, l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) jistgħu jipprovdu kontribuzzjoni nazzjonali għat-tipi ta' interventi msemmija fl-ewwel subparagrafu sa 20 % tan-nefqa eliġibbli. Għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE attivi fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kontribuzzjoni nazzjonali sa 30 % tan-nefqa eliġibbli.";

(h) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"7a. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (n), kontra l-pesti msemmija fil-Parti B tal-Anness II u fil-Parti C tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072, tista' tkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.".

*Artikolu 4*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2024/1143*

Fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tieni subparagrafu huwa mħassar;

(2) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-prodotti agrikoli li huma kkummerċjalizzati b'indikazzjoni ġeografika, li ġew ittikkettati qabel l-14 ta' Mejju 2026, jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq mingħajr ma jikkonformaw mal-obbligu li jindikaw l-isem tal-produttur jew tal-operatur fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika, sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.".

*Artikolu 5*

*Dispożizzjoni tranżizzjonali*

Il-prodotti tad-dwieli fil-kategoriji definiti fil-Parti II, il-punt (1) u l-punti (4) sa (9) tal-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jkunu għaddew minn trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mal--Parti I, it-Taqsima E tal-Anness VIII għal dak ir-Regolament, u li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 119(1), il-punt (a) (i) u (ii), ta' dak ir-Regolament qabel ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet ta' tali tikketti.

*Artikolu 6*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (8), għandu japplika minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] u l-Artikolu 1, il-punt (10), għandhom japplikaw minn ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |